MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2003

Citazzjoni Numru. 306/2002/1

**1. Edwin Schembri f'ismu proprju u ghan-nom tal-minuri Sean u Ryan Schembri; u**

**2. Nazzareno Portelli.**

**vs**

**Dr. Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tal-11 t'April 2002 gew nominati bhala Kuraturi Deputati biex jirrrapprezentaw lill-assenti Taraza Demanuele.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Peress illi l-attur Edwin Schembri huwa legalment separat minn martu l-konvenuta Taraza Schembri u dan skond kif

jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Mariella Mizzi tad-19 Mejju 1998 li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument “C”. Illi klawsola numru tmienja (8) ta’ !-istess kuntratt il-kura u l-kustodja tal-minuri Sean giet mghoddija f’idejn il-konvenuta bid-drittijiet ta’ l-access favur l-attur Edwin Schembri.

Peress illi l-attur l-iehor Nazzareno sive Rennie Portelli huwa l-missier naturali ta’ l-istess minuri u l-istess minuri kien jghix taht il-kura u l-kustodja tieghu u dan mit-twelid tieghu, filwaqt illi Sean kien jghix fil-kura u kustodja ta’ ommu l-konvenuta flimkien ma’ l-attur Nazzareno Portelli bid-drittijiet ta’ l-access favur l-attur Edwin Schembri.

Peress illi l-imsemmija minuri dejjem ghexu u trabbew gewwa Malta mit-twelid taghhom, jattendu skola Malta u ghandhom il-familja taghhom gewwa Malta.

Peress illi l-konvenuta minghajr l-icken pre-avviz fit-12 ta’ Marzu 2002 qabdet u siefret minn Malta bl-intenzjoni illi ma tirritornax u marret tirrisjedi flimkien mal-minuri gewwa l-Iskozja fir-Renju Unit b’dan ghalhekk illi hija nehhiet lill-minuri mill-ambjent fejn huma trabbew sa mit-twelid taghhom u qeghda ccahhadhom mill-prezenza ta’ missierhom.

Peress illi l-konvenuta ma ghandha l-ebda intenzjoni tirritorna lejn Malta bil-minuri u qed tipprova taqta` kull kuntatt illi l-atturi ghandhom mal-minuri.

Peress illi l-attur Nazzareno Portelli sejjer dalwaqt jibda` proceduri l-Qorti biex huwa jigi rregistrat bhala il-missier legali tal-minuri Ryan Schembri.

Peress illi permezz ta’ l-avviz legali numru 131 tas-sena 2000, dahlet fis-sehh l-Ordni dwar il-Konvenzjoni Ewropea dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta’ Decizjonijiet li ghandhom x’jaqsmu mal-Kustodja ta’ Minuri u dwar ir-Restituzzjoni tal-Kustodja ta’ Minuri, liema att skond l-istess avviz legali dahal fis-sehh bejn Malta u r-Renju Unit mill-1 ta’ Frar 2000.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tafda il-kura u il-kustodja ta' l-ulied minuri favur l-attur Edwin Schembri bid-drittijiet ta' l-access favur l-attur l-iehor Nazzareno Portelli ghall-minuri Ryan u dan fl-ahjar interess ta' l-istess minuri.

2. Tordna !ilI-konvenuta tirritorna lill-istess minuri Malta taht dawk il-provvedimenti u garanziji li jidrilha xierqa.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta biex tixhed in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 11 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-atturi tal-15 ta' Marzu 2002 fejn talbu lill-Qorti sabiex tappunta l-kawza fl-istess ismijiet ipprezentata kontestwalment mar-rikors bl-urgenza biex tigi trattata mill-aktar fis possibbli sabiex il-minuri jigu ritornati Malta;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Marzu 2002 fejn il-Qorti ordnat li jigu ezaminati l-proceduri tan-nomina ta' Kuraturi Deputati.

Rat ir-rikors ta' l-atturi tal-15 ta' Marzu 2002 fejn talbu lill-Qorti sabiex tinnomina Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Taraza Schembri;

Rat id-digriet tal-11 ta' April 2002 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Tonio Azzopardi u lill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala Kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat ir-rikors ta' l-atturi tal-15 ta' Mejju 2002 fejn talbu lill-Qorti sabiex tirrikjama l-kawza ghal data aktar vicina;

Rat id-digriet tad-29 ta' Mejju 2002 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta;

Rat id-digriet tat-28 ta’ Gunju 2002 fejn il-Qorti ordnat lill-attur jipprezenta l-affidavits tieghu fi zmien ghaxart’ijiem mill-lum u rrizervat li tipprovdi dwar it-talba attrici fi stadju ulterjuri.

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati tal-25 ta’ Gunju 2003;

Rat in-nota ta’ l-atturi ta’ l-10 ta’ Lulju 2002 fejn biha pprezentaw tlett affidavits; tnejn taghhom stess u iehor ta’ Francis Demanuele;

Rat in-nota tal-Kuratur Dr. Tonio Azzopardi tat-22 ta’ Lulju 2002 fejn biha esebixxa kopja ta’ ittra mibghuta minnu lill-British High Commission;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2002; tat-13 ta’ Novembru 2002 fejn xehdu Bernard Grech u Anthony Zahra.

Rat ix-xhieda ta’ **Bernard Grech** u ta’ **Anthony Zahra** a fol. 56;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Kuraturi Deputati ta’ l-14 ta’ Novembru 2002 a fol. 66 fejn gie eccepit:

1. Illi l-eccipjenti m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qeghdin jirrizervaw li jissollevaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz.

2. Illi l-eccipjenti m’ghandhom l-ebda hjiel fejn tinstab il-konvenuta Taraza Demanuele u ghalhekk m’humiex f’pozizzjoni li jikkomunikaw maghha.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 67 tal-process;
Rat in-nota ta’ l-atturi tal-5 ta’ Marzu 2003 fejn permezz taghha pprezentaw hames dokumenti;

Rat in-nota tal-Kuraturi Deputati tas-17 ta’ Marzu 2003 fejn permezz taghha pprezentaw ittra datata 17 ta’ Frar 2003;

Rat il-verbali tat-18 ta' Marzu 2003 fejn Dr. Edwina Grima ghall-atturi ddikjarat li l-provi attrici huma maghluqa u inghata digriet ta' l-affidavit tal-konvenut b'terminu ta' erbghin (40) jum; u ta' l-20 ta' Mejju 2003 fejn Dr. Tonio Azzopardi rrimetta ruhu ghall-provi u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 14 ta' Ottubru 2003.

Rat ir-rikors ta' l-attur tat-22 t'Awissu 2003 fejn talab lill-Qorti sabiex tirrikjama l-kawza ghal data aktar vicina sabiex tinghata s-sentenza;

Rat id-digriet tat-22 t'Awissu 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba u rrikjamat il-kawza ghat-2 ta' Settembru ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi **Edwin Schembri** xehed bil-procedura ta' l-affidavit fejn sostna:-

*"Illi jiena llum legalment separat mill-konvenuta Taraza Demanuela. Isseparajna permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Mariella Mizzi tad-19 ta' Mejju 1998. Jiena nigi il-missier tal-minuri Sean Schembri li twieled fis-16 ta' Novembru 1993. Meta sseparajna il-konvenuta kienet tqila bit-tifel ta' l-attur l-iehor Nazzareno Portelli, Ryan li fil-fatt twieled ftit gimghat wara s-separazzjoni. Peress illi ma kienx ghadda bizzejjed zmien kif titlob il-ligi, it-tifel gie rregistrat bhala ibni u illum igib kunjomi.*

*Illi wara s-separazzjoni il-konvenuta bdiet tghix ma' l-attur Nazzareno Portelli flimkien maz-zewgt itfal Sean u Ryan. Jiena kont nara lit-tifel tieghi Sean fil-hin stabbilt bejnietna fil-kuntratt ghall-access. It-tifel Sean illum ghandu tminn*

*snin. Huwa trabba Malta mit-twelid, jattendi l-iskola Malta ghandu il-hbieb tieghu hawn Malta kif ukoll il-familja tieghu.*

*Illi l-konvenuta qatt ma nfurmatni bil-hsieb taghha illi titlaq minn Malta u lanqas iffirmajtilha xi dokumenti biex tkun tista taghmel dan u nghid illi Ii kieku kont naf bil-hsieb taghha zgur Ii ma kontx naghtiha l-kunsens tieghi biex tiehu lit-tifel maghha barra minn Malta. Sa fejn naf jiena hija qatt ma kellha passaport Malti f'isem it-tifel u jiena qatt ma ffirmajt ghal xi passaport.*

*Illi fil-fatt jiena sirt naf illi l-konvenuta kienet telqet minn Malta meta mort biex nara lil ibni fir-residenza fejn hija kienet tghix ma' l-attur I-iehor Nazzareno Portelli li infurmani iIli l-konvenuta kienet harbet mid-dar u telqet lejn Scotland. Jiena ma mafx fejn qeghda tirrisjedi l-konvenuta u sa llum ma ghandix kuntatt maghha. Hija telqet madwar erba` xhur ilu u jiena ili minn dak iz-zmien ma nara lil ibni jew ma jkolli kuntatt mieghu.*

*Illi ghalhekk kelli naghmel din il-kawza."*

Illi **Nazzareno Portelli** fl-affidavit tieghu jghid:-

*"Illi jiena bdjet niffrekwenta lill-konvenuta qabel ma sseparat minn ma' zewgha, l-attur l-iehor Edwin Schembri. Ghall-ewwel hija kienet tghix ma' missierha u ommha. F'dan iz-zmien hija kienet harget tqila bit-tifel tieghi, Ryan, li twieled madwar xahar wara iIli kien gie ffirmat iI-kuntratt ta' separazzjoni bejnha u bejn zewgha, Edwin Schembri. Ftit wara illi twieled it-tifel iz-zghir Ryan, jiena u I-konvenuta bdejna nghixu flimkien taht l-istess saqaf. Maghna kien jghix ukoIl it-tifel ta' Taraza u Edwin Schembri, Sean. Domna nghixu flimkien sal-gurnata illi hija harbet u cjoe' ghal madwar tlett snin u nofs. It-tifel tieghi illum ghandu erba` snin. Fil-fatt Ryan huwa rregistrat bhala iben Edwin Schembri u dan peress illi ma kienx ghadu ghadda bizzejjed zmien rikjest mill-ligi wara s-separazzjoni, meta twieied Ryan. Jiena fil-fatt kont ser nibda proceduri legali biex it-tifel idur fuq ismi u ma jibqax igib il-kunjom Schembri.*

*Illi nghid illi ahna konna nghixu bhala familja. It-tfal kienu jattendu l-iskola Malta u kellhom il-hbieb taghhom ukoll hawn Malta. Nghid illi missier Sean kien jigi jarah regolarment u ma kienx hemm problemi bejnietna. Jiena kont inhobb liz-zewgt itfal u rabbejthom flimkien bhal ahwa. Flus ma kenux jonqsuna. Jiena kont nahdem u imantni lill-familja u anke il-konvenuta kienet tahdem u kellha paga tajba.*

*Illi nghid illi meta omm il-konvenuta telqet minn Malta f'Ottubru tas-sena 2001, l-affarijiet bejnietna bdew sejrin hazin. 0mm il-konvenuta kienet iltaqghet ma' ragel iehor Skocciz minn fuq l-Internet. Ommha telqet kollox warajha u marret gewwa l-Iskozja tghix ma' dan ir-ragel strangier. Minn dan iz-zmien huma baqghu izommu kuntatt bejniethom permezz ta' l-internet u fthiemu biex jiltaqghu ghal holiday gewwa Tunez. Jiena ma kontx indunajt x'qieghed jigri u ghalhekk ma oggezzjonajtx illi hija tmur holiday Tunez. Gara madanakollu illi hija l-ghada li giet lura minn Tunez, qabdet u telqet minghajr kliem u minghajr sliem u dan bl-ghajnuna tal-hbieb taghha.*

*Illi nispjega illi ghall-habta ta' Novembru 2001, il-konvenuta kienet marret il-British High Commission u hargulha l-passaporti fuq isem it-tfal. Kif ghamlet dan jiena ma nafx, pero' illum nirrealizza illi kienet diga` qeghda tippjana x'ser taghmel.*
*Illi jiena ma nafx fejn tinsab il-konvenuta, ghajr illi naf li qeghda l-Iskozja ma' ommha u l-boyfriend t'ommha. Kuntatt maghha ma ghandix u ma nafx f'liema kundizzjoni qieghed jghix ibni u anke it-titel ta' l-attur Edwin Schembri illi jiena kont inqisu bhala ibni. Ilni ma narahom minn meta hija harbet minn Malta u illum nghid illi nixtieq hafna illi jergghu jigu lura Malta ghaliex dawn huma uliedi li trabbew hawnhekk mit-twelid taghhom u zgur illi ma humiex kuntenti li qeghdin 'il boghod mill-familja taghhom u l-hajja taghhom hawn Malta. Inoltre jiena ninstab preokkupat hafna ghaliex ma nafx ma' min qeghda tghix il-konvenuta u fejn qeghdin jitrabbew it-tfal. Naf biss illi ommha, li halliet anke lil zewgha u lil binha hawn Malta telqet u marret tghix relazzjoni extramatrimonjali ma' ragel*

*iehor li lanqas nafu min hu. Certament dan ma huwiex l-ahjar ambjent fejn jistghu jitrabbew it-tfal. It-tfal haditilhom biss xi hwejjeg u halliet kollox warajha nkluz il-gugarelli u l-kumplament tal-hwejjeg tat-tfal.*

*Illi kien minhabba f'din ir-raguni illi jiena u Edwin Schembri ghamilna l-kawza."*

Illi **Francis Demanuele** fl-affidavit tieghu jghid:-

*"Illi jiena nigi missier il-konvenuta Taraza Demanuele. Jiena ilni mizzewweg lil omm Taraza mil-1975. Jiena ghandi zewgt itfal, lil Taraza u Robert illi ghadu guvni u jghix mieghi id-dar.*

*Illi nghid illi l-mara kienet spiss tmur ghand it-titla tieghu Taraza. Kienet tkun ghandha kuljum kwazi il-gurnata kollha. Jiena llum nirrealizza x'kien qed jigri, izda dak iz-zmien qatt ma kont nobsor x'kienet qed taghmel il-mara minn wara dahri bl-ghajnuna ta' binti. Fil-fatt huma kienu jkunu qeghdin fuq l-Internet jiccettjaw. Jiena nista` nesebixxi kopja ta' uhud mill-e-mails illi intbaghtu li jistghu juru dak li kien qieghed jigri u x'kienu qeghdin jippjanaw il-mara u t-tifla flimkien. Fil-fatt minn dawn l-e-mails jirrizulta illi l-mara tieghi kienet tkun qeghda tghaddi messaggi minn ta' l-inqas lil hamest irgiel differenti. F'dawn l-e-mails hemm diskors fejn hija tghid kontra tieghi u anke hemm dikors intimu ma' dawn l-irgiel.*

*Illi minnhom jidher illi l-mara tieghi kienet ghamlet hbieb ma' ragel partikolari ta' nazzjonalita` Skocciza, li fil-fatt hija sussegwentement harbet mid-dar mieghu. Illum jiena ippruvajt tramite l-Avukat tieghi biex nara jekk ghadux jezisti dan l-e-mail address fejn kienet tibghat dawn il-messaggi il-mara tieghi, izda dan ma ghadux jintuza.*

*Illi nghid illi il-mara telqitni habta u sabta minghajr jiena ma kont naf x'qieghed jigri. Hija qaltii li sejra holiday u ma gietx lura. Din kienet ippjanata. Fil-fatt sahanistra haditli l-ammont ta' Lm23,000 minn kont bankarju li kien f'isimna t-tnejn. Jiena dejjem kont nafdaha u qatt ma bsart li kienet ser taghmilli din l-azzjoni. Hija halliet ukoll lil binha*

*warajha li ghadu guvni u llum ghandu tletin sena. Dan gara fl-14 ta' Ottubru tas-sena l-ohra. Jiena llum ma nafx fejn qed tghix.*
*Illi naf illum illi kien hemm ftehim bejn il-mara tieghi u it-tifla. Fil-fatt inzamm kuntatt bejn Taraza u ommha wara li telqet u meta fil-fatt telqet it-tifla bit-tfal taghha, hija marret tiltaqa' ma' ommha gewwa l-Iskozja. Dan nafu mill-e-mails illi konna sibna wara li telqet, li semmejt iktar 'il fuq. Meta jiena kont nitlob informazzjoni lil binti dwar ommha, hija kienet tghidli illi ma zammitx kuntatt maghha, meta dan ma kien veru xejn ghaliex kienu ghadhom qed jitkellmu bejniethom u jifthemu x'ser jaghmlu. Il-mara tieghi hija ta' nazzjonalita Ingliza, mhux Skocciza. Ilna nghixu Malta mill-1991 bit-tfal taghna.*

*Illi nghid illi kemm il-mara kif ukoll it-tifla telqu minn Malta u hallew id-dejn warajhom mal-banek lokali. Jiena llum ma nafx fejn qeghdin marti u binti kif ukoll it-tfal ta' binti, izda ninstab preokkupat ghaliex ma nafx fejn qeghdin it-tfal u ma min qeghdin jghixu u minn natura ta' l-e-mails illi ghandi f'idejja jidher illi dawn qeghdin jghixu ma' xi irgiel.*

*Illi t-tifla ma hadet xejn maghha li kellhom it-tfal, lanqas il-gizirana u c-crieket li kont tajt lilhom it-tnejn. Dawn kienu rigal li jiena kont tajthom li xtaqt li zammew bhala rikordju tieghi."*

## ii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur u l-konvenuta assenti li kienu zzewgu fis-26 ta' Awissu 1993 kienu sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mariella Mizzi, datat 19 ta' Mejju 1998, u fir-rigward tal-minorreni Sean, li kienet l-unika tarbija li kienet twieldet f'dan iz-zmien l-istess partijiet kienu qablu skond il-paragrafu numru tmienja (8) ta' l-istess kuntratt (li jinsab esebit bhala Dok. "C" a fol. 8 tal-process) li:-

*"Il-kura u l-kustodja ta' l-iben minorenni Sean qieghda b'dan l-att tigi fdata lill-mara, bl-accettazzjoni tar-ragel. Pero' r-ragel, bl-accettazzjoni tal-mara, qieghed jirrizerva*

*favur tieghu u d-dritt ta' access ghall-imsemmi ibnu Sean kif gej: Nhar ta' Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha mill-hamsa ta' fil-ghalixija (5.00.p.m.) sas-sebgha ta' fil-ghaxija (7.00.p.m). ………..".*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li l-istess attur, Edwin Schembri, kien qed jezercita' d-dritt tieghu ta' l-access b'mod regolari ghalkemm l-istess tifel kien qed jghix mal-konvenuta u ma' l-attur l-iehor, Nazzareno Portelli, u dan kollox kif hemm indikat fl-istess kuntratt ta' separazzjoni bejn dawk li kienu il-konjugi Schembri, u l-istess minuri kien qed imur skola Malta u kellu l-hbieb tieghu hawn Malta u l-hajja tieghu kienet kollha kemm hija kkoncentrata hawn Malta.

Illi dan baqa' jippersisti sakemm minghajr mal-konvenuta informat lill-attur, Edwin Schembri, hija harbet minn Malta bl-istess zewg minuri indikati fic-citazzjoni attrici fit-12 ta' Marzu 2002, tant li l-istess attur ilu minn dakinhar ma jara lill-istess minuri. In vista ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-istess konvenuta b'dak li ghamlet ghamlet u qeghda taghmel hsara lill-istess minuri, li gie b'hekk traslokat mill-ambjent naturali tieghu u fejn huwa kien qed dejjem jghix, u gie separat ghal kollox u arbitrarjament mill-istess missieru l-attur u ghalhekk din il-Qorti thoss li dak li ghamlet l-istess konvenuta assenti ma huwiex fl-interess ta' l-istess minuri. *Ai termini* ta' l-**artikolu 61,** li jaghti l-fakolta' lill-Qorti li tannula kull ftehim dwar il-kustodja tat-tfal li seta` jkun intlahaq bejn il-mizzewgin, jekk ikun hekk mehtieg ghall gid ta' l-istess tfal, tordna li l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri tigi revokata mill-poter tal-konvenuta *stante* li bl-att li ghamlet l-istess konvenuta agixxiet kontra l-interess tal-minuri, tant li skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 154 (1) (b) tal-Kap 16,** il-Qorti thoss li minhabba dan l-agir tal-konvenuta hija kkawzat hsara lit-trobbija ta' l-istess minuri, u ghalhekk hemm lok li l-attrici tigi wkoll mnehhija minn kull setgha fuq l-istess minuri, u tordna minflok li l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri Sean skond kif provdut ukoll fl-**artikolu 131 tal-Kap 16** tigi vestita u ezercitata esklussivament mill-istess attur Edwin Schembri.

Illi dan il-provvediment u din id-decizjoni qed titiehed ukoll fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**Kap 410 tal-Ligijiet ta' Malta** li ta' gharfien legali u forza lill *Convention of the Civil Aspects of Child Abduction* fejn jirrizulta li skond **artikolu 3 ta' l-istess Konvenzjoni:**

*"The removal of a child is to be considered wrongful where*
*(a) it is in breach of rights of custody attributed to a person, am insititution or any other body, either jointly or alone, under the law of the State in which the child was habitually resident immediately before the removal or retention; and*

*(b) at the time of removal or retention those rights were actually exercised, either jointly or alone, or would have been exercised but for the removal of retention.*

*The rights of custody mentioned in sub-paragraph (a) above may arise in particular by operation of law or by reason of a judicial or administrative decision, or by reason of an agreement having legal effect under the law of that State".*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju li l-istess minuri, qabel ma l-istess konvenuta haditu barra minn Malta u hekk harbet bih kien residenti abitwalment hawn Malta, u wkoll li d-drittijiet ta' access ta' l-istess minuri ghall-attur gew serjament ippregudikati, u kieku ma kienx ghall-istess tluq minn Malta, l-istess attur kien ikompli jezercita d-drittijiet tieghu skond il-ligi u ghal dak li jirrigwarda l-istess **Kap 410 tal-Ligijiet ta' Malta,** din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza taghha tal-15 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **"Director of Family Welfare vs Helena Cornelia Van Der Linde"** *(Application Number 297/2003/RCP),* u fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemm l-ebda dubju li l-konvenuta kisret id-dispozizzjonijiet ta' l-istess konvenzjoni f'dan ir-rigward.

Illi ghar-rigward il-minuri, Ryan, jirrizulta li l-istess minuri twieled fit-13 ta' Gunju 1998 u huwa debitament irregistrat bhala iben legittimu ta' l-istess attur Edwin Schembri u

abbazi ta’ l-artikolu **78** huwa kkunsidrat ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi bhala iben l-istes attur, Edwin Schembri. Illi ghalkemm hemm allegazzjoni li l-istess minuri huwa l-iben naturali ta’ l-attur l-iehor, u fil-fatt jirrizulta li kien qed jghix mieghu u mal-konvenuta qabel din harbet minn Malta bl-istess minuri, fit-12 ta’ Marzu 2002, xorta wahda minhabba nuqqas tal-proceduri idonei sabiex l-istess attur Nazzareno Portelli jigi ddikajrat bhala missier ta’ l-istess minuri, l-attur l-iehor ghandu jigi kkonsidrat bhala l-missier legali ta’ l-istess minuri.

Illi certament li anke ghall-iskop ta’ din il-kawza l-affidavit maghmul mill-istess attur jista’ jittiehed u ghandu jigi kkunsidrat bhala prova tal-filjazjoni ta’ l-istess minuri mill-attur, Nazzareno Portelli, anke abbazi ta’ dak provdut fl-**artikolu 87,** izda abbazi ta’ l-artikolu **67 u l-artikolu 78** l-istess minuri sa llum huwa legalment u effettivament l-iben ta’ l-attur Edwin Schembri.

Illi pero’ minkejja dan kollu din il-Qorti thoss li in vista tal-fatt li l-istess minuri ta’ nazzjonalita’ Maltija kien anke, ghall-iskop tad-dispozizzjonijiet tal-**Kap 410 – L-Att Numru XIII ta’ l-1999,** residenti dejjem Malta, u fil-fatt kien qed jghix mal-minuri, Sean, imsemmi fl-ewwel parti ta’ din is-sentenza, u kien qed jghix bhala *“familja”* wkoll ma’ l-attur l-iehor, li kien ukoll qed imantnih, certament li huwa fl-interess ta’ l-istess minuri li l-istess minuri jingieb Malta, u jirrizulta car li bl-att li ghamlet il-konvenuta hija wkoll pregudikat is-setgha taghha fuq l-istess minuri skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 131** billi bil-harba taghha mal-istess minuri hija kkawzat u ghada qed tikkawza hsara lill-istess minuri skond id-dispozizzjonijiet tal-**154 (1) (b) tal-Kap 16,** u ghalhekk din il-Qorti thoss li abbazi ta’ l-istess artikolu,l-istess konvenuta ghandha tigi mnehhija b’effett immedjat mis-setghat taghha fuq l-istess minuri, b’dan li l-kura u kustodja ta’ l-istess ma ghandhiex tibqa’ tigi ezercitata mill-istess konvenuta izda ghandha tigi vestita fil-persuna ta’ l-attur, Edwin Schembri skond il-ligi.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-interessi ta’ l-attur l-iehor, Nazzareno Portelli, li *de facto* dejjem kellu access ghall-istess minuri, Ryan, kemm

l-istess dam jghix Malta, u fil-fatt kien jifforma *de facto* parti mill-*familja* ta' l-istess minuri u dan anke fl-isfond ta' dak li nghad fis-sentenza **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. (F.G.C.) 10 ta' Mejju 1996 u **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP) dwar il-kuncett ta' familja anke b'riferenza ghal decizjonijiet ta' Qorti Ewropeja tad-Drittiijiet tal-Bniedem.

Illi fuq kollox din id-decizjoni qed tinghata fil-kuntest ta' dak li l-Qorti thoss li huwa l-interess tal-minuri u f'dan il-kuntest jinghad li dawk li qed iressqu l-quddiem, l-atturi odjerni, apparti d-drittijiet vantanti minnhom, huwa proprju li l-interess tal-minuri fil-kaz partikolari wkoll gie pregudikat bl-azzjoni tal-konvenuta li traslokat lill-minuri habta u sabta, mill-ambjent naturali tieghu f'dan il-pajjiz, u dan ghamlitu bla ebda konsultazzjoni jew pre-avviz ma' dak li huwa legalment il-missier ta' l-istess tarbija, u minn dak li effettivament u *de facto* kien qed ihares l-interess ta' l-istess tarbija u ghal kull effett u fini tal-ligi kien attwalment jipprovdi ghall-istess tarbija u kellu access ghaliha wkoll. Li l-interess ta' l-istess minuri jista' jingieb il-quddiem mhux biss mill-genituri, izda wkoll minn terzi persuni huwa wkoll rikonnoxxut fil-ligi anke fl-istess **artikolu 61 tal-Kap 16,** li f'kuntest ta' ftehim bejn il-konjugi dwar il-kura u kustodja tal-minuri, tirreferi ghal xi qarib tar-ragel u l-mara, u din il-Qorti f'dan il-kuntest tista' wkoll thares lejn l-interess ta' l-istess minuri mill-ghajnejn tal-persuna li effettivament jekk mhux legalment, kellha wkoll ghall-inqas access ghall-istess minuri, tant li kienet qed tghix mieghu.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li z-zewg talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ecccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati nkwantu biss l-istess huma inkompattibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tafda l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri favur l-attur Edwin Schembri, bid-drittijiet ta' l-access favur l-attur l-iehor Nazzareno Portelli, ghall-minuri, Ryan, u dan fl-ahjar interess ta' l-istess minuri.

2. Tordna lill-konvenuta tirritorna lill-istess minuri Malta sabiex effettivament il-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri tigi ezercitata mill-istess attur kif gja deciz skond l-ewwel talba tac-citazzjoni attrici, u tordna n-notifika ta' din is-sentenza a spejjez attrici lid-*Director of Family Welfare* u lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jagixxu skond il-poteri taghhom bil-Ligi fil-konfront tal-konvenuta u fl-interess ta' l-istess imsemmija minuri, Sean u Ryan.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta, b'dan li l-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------